A.L. 201 ta' l-1990

ATT DWAR ID-DAZJU TAS-SISA FUQ IL-BIRRA (KAP. 72)

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET (KAP. 35)

Regolamenti ta' l-1990 dwar Drittijiet għal-Liċenza għall-Manifattura tal-Birra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 ta' l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa fuq il-Birra u bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1990 dwar Drittijiet għal Liċenza għall-Manifattura tal-Birra, u għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 1991.

Ġbir ta' dritt għal liċenza. Kap. 72.

2. Għandu jitħallas lill-Kontrullur tad-Dwana, dwar il-ħruġ jew tiġdid ta' liċenza taħt l-artikolu 4 ta' l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa fuq il-Birra, dritt ta' mitt lira Maltija (Lm100) fis-sena.

Ħassar G.N. 160 ta' l-1933.

3. Id-dritt fis-sena għal liċenza għall-manifattura tal-birra imsemmi fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 160 ta' l-1933 li temenda in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 338 ta' l-1925, huwa b'dan imħassar.